Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Lussemburgu, 13 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14370/26**

**AG 164**
**POLGEN 229**
**FREMP 322**
**JAI 1296**
**DISINFO 80**
**HYBRID 119**
**AUDIO 123**
**EDUC 407**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni demokratika inklużiva, u r-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni demokratika inklużiva, u r-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-13 ta' Ottubru 2026.

**ANNESS**

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI DEMOKRATIKA INKLUŻIVA,
U R-REŻILJENZA TAS-SOĊJETÀ U TAL-KOMUNITÀ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; u li dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

WARA LI KKUNSIDRA l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 10, 11, 12, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 39, 40 u 44 tagħha.

FILWAQT LI JENFASIZZA li s-soċjetajiet demokratiċi huma sostnuti permezz ta' parteċipazzjoni ċivika attiva u involviment taċ-ċittadini, u fejn id-drittijiet fundamentali huma rrispettati u protetti.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li d-demokrazija tista' tirnexxi biss bil-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol kritiku tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fil-kontribut għal demokraziji li jiffunzjonaw tajjeb u FILWAQT LI JENFASIZZA li peress li l-istat tad-dritt u d-demokrazija huma valuri li jsaħħu lil xulxin, huwa essenzjali li l-Istati Membri jaderixxu strettament ma' standards robusti tal-istat tad-dritt.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2025[1] u tad-19 ta' Marzu 2026[2] li enfasizzaw l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika tal-Ewropa u enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi approfondit l-involviment taċ-ċittadini.

---

[1] EUCO 24/25, 18 ta' Diċembru 2025, ara il-punt 29 *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin.*

[2] EUCO 1/26, 19 ta' Marzu 2026, ara il-punt 58 *Tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-Ewropa.*

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika[3]; ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi elettorali minn interferenza barranija[4]; ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE[5]; ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika[6]; u t-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat[7].

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika.

FILWAQT LI JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija[8] u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili[9].

FILWAQT LI JILQA' l-istabbiliment taċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika (ECDR) fi Frar 2026.

FILWAQT LI JINNOTA li dawn il-konklużjonijiet jibnu fuq il-ħidma tal-Presidenza Pollakka dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE, tal-Presidenza Daniża dwar l-aċċess għal aħbarijiet affidabbli bħala parti mit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, u d-diskussjoni strutturata b'segwitu għat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija li saret matul il-Presidenza Ċiprijotta[10].

FILWAQT LI JINNOTA wkoll ir-Rapport dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija fil-Parlament Ewropew P10_TA (2026) 0286.

---

3 15738/23.
4 10119/24.
5 7388/23.
6 15814/25.
7 10533/24.
8 JOIN(2025) 791 final
9 COM(2025) 790 final
10 9605/26 (rapport tal-Presidenza).

FILWAQT LI JFAKKAR li dawn il-konklużjonijiet huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

1. JISĦAQ li d-demokrazija, il-libertà u l-ugwaljanza, u l-istat tad-dritt, isaħħu lil xulxin u li r-rispett għal dawn il-valuri huwa responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

2. JIRRIKONOXXI l-kontribut ta' impenn ċiviku wiesa' għall-ħajja demokratika u l-koeżjoni soċjali; JISSOTTOLINJA li d-demokrazija teħtieġ il-parteċipazzjoni attiva u inklużiva taċ-ċittadini u r-rispett għall-valuri komuni. IFAKKAR fir-rwol importanti li għandu dritt effettiv ta' petizzjoni fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni politika taċ-ċittadini.

3. JIRRIKONOXXI li l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, fl-integrità tal-proċessi demokratiċi u tal-ispazju tal-informazzjoni jsaħħu lil xulxin u huma pedamenti tar-reżiljenza demokratika u dik tas-soċjetà; u JIRRIKONOXXI li l-kuntest ġeopolitiku attwali li qed jinbidel joħloq sfidi għad-demokraziji tagħna, li jistgħu jaggravaw ir-radikalizzazzjoni u jnaqqsu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-elezzjonijiet.

4. JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward li l-esklużjoni diġitali flimkien mal-isfidi ppreżentati mid-deżerti tal-aħbarijiet, jistgħu joħolqu ostakli għall-parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-ħajja demokratika.

5. JENFASIZZA li l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin ifittxu li jġibu l-firda fis-soċjetà, idgħajfu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, jimpedixxu dibattitu demokratiku infurmat u jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika billi jfixklu l-ambjent tal-informazzjoni, jimmanipulaw il-kontenut, jamplifikaw id-diviżjoni u jimminaw l-ilħuq ta' informazzjoni affidabbli u ta' media indipendenti u l-kapaċità li jiġu skoperti. JISSOTTOLINJA li l-miżuri li jindirizzaw il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin għandhom ikunu proporzjonati, filwaqt li jissalvagwardaw il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, u d-dibattitu demokratiku.

6. JINNOTA li l-użu malizzjuż tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż l-IA ġenerattiva u d-deepfakes, qed iwassal biex tinxtered id-diżinformazzjoni, f'tentattivi biex jiġu mmirati persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u jiffaċilita l-ħolqien, l-immirar u l-amplifikazzjoni ta' kontenut qarrieqi, u b'hekk ikompli jimmina l-fiduċja fil-proċessi demokratiċi. IFAKKAR fil-ħtieġa partikolari li jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi diġitali, inkluż il-Pjattaformi Online Kbar Ħafna (VLOPs) u l-Magni tat-Tiftix Online Kbar Ħafna (VLOSEs), it-trasparenza tar-reklamar politiku u l-indirizzar tal-kontenut iġġenerat jew immanipulat mill-IA filwaqt li jiġu ssalvagwardati d-drittijiet fundamentali.

7. JIRRIKONOXXI li flimkien ma' sforzi usa' biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni ċivika, hemm ukoll il-ħtieġa ta' approċċ preventiv biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin permezz ta' sensibilizzazzjoni, tħejjija, identifikazzjoni bikrija, appoġġ għal riċerka indipendenti u verifika tal-fatti u l-promozzjoni ta' metodoloġiji u l-aħjar prattiki komuni, biex jiġi żgurat li dawn l-isforzi ta' parteċipazzjoni ċivika jkunu aktar viżibbli u effettivi.

8. JIRRIKONOXXI l-importanza kbira għad-demokraziji tagħna li jiġi żgurat li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiġi applikata bis-sħiħ u li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali; IFAKKAR li l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni huma prerekwiżiti vitali għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi demokratiċi; u JAFFERMA MILL-ĠDID li l-istat tad-dritt huwa strumentali għall-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

9. JISĦAQ fuq l-importanza ta' media ħielsa, diversa u indipendenti bħala pilastri fundamentali tar-reżiljenza demokratika, li tippermetti liċ-ċittadini jaċċessaw informazzjoni affidabbli, iżommu lill-istituzzjonijiet responsabbli u jagħmlu għażliet infurmati. F'dak il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-litteriżmu fil-media, dak diġitali u fl-informazzjoni biex tiġi vvalutata b'mod kritiku l-informazzjoni, jiġu identifikati tekniki manipulattivi u jsiru ġudizzji infurmati dwar l-affidabbiltà tas-sorsi.

*L-isfida tad-diżimpenn demokratiku*

10. IFAKKAR li l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u tas-sistemi elettorali hija kompetenza tal-Istati Membri; JINNOTA li l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' madwar ħamsin fil-mija tista' tittejjeb għaċ-ċittadini kollha.

11. JENFASIZZA li l-votazzjoni fl-elezzjonijiet u r-referenda hija triq fundamentali li permezz tagħha ċ-ċittadini jeżerċitaw il-vuċi demokratika tagħhom, ikkomplementata minn opportunitajiet sinifikattivi biex jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi bejn l-elezzjonijiet u jinfluwenzawhom.

12. JISSOTTOLINJA li l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi hija essenzjali għall-bini ta' demokraziji reżiljenti; JISĦAQ li tali fiduċja tissaħħaħ meta l-awtoritajiet jaġixxu b'mod trasparenti u responsabbli u bbażat fuq l-evidenza, u meta ċ-ċittadini jingħataw feedback ċar dwar kif il-parteċipazzjoni tagħhom tkun tqieset fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

13. JESPRIMI TĦASSIB li persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati jistgħu jesperjenzaw riskji sproporzjonati ta' diżimpenn politiku u nuqqas ta' fiduċja fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi; u JIRRIKONOXXI li sens ta' rappreżentanza politika mnaqqsa huwa sfida wiesgħa tas-soċjetà.

14. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' inizjattivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika u jitneħħew l-ostakli strutturali għall-parteċipazzjoni demokratika u l-involviment ċiviku, li jistgħu jaffettwaw b'mod partikolari lil ċerti gruppi. JIRRIKONOXXI li parteċipazzjoni inklużiva, diversa u sinifikattiva fil-ħajja kulturali u komunitarja tista' tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u r-reżiljenza demokratika.

15. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakli speċifiċi għall-involviment ċiviku inkluż dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs); u persuni b'diżabbiltà; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ġlieda kontra l-abbuż, il-fastidju u t-theddid diretti lejn dawk attivi fil-ħajja pubblika. ITENNI li dawn l-isforzi jridu jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u ma jridux irażżnu l-kritika leġittima, id-dibattitu politiku jew is-sorveljanza demokratika. JILQA' t-tħabbira mill-Kummissjoni ta' Rakkomandazzjoni u Gwida tal-aħjar prattiki biex jappoġġaw lill-Istati Membri biex tiġi żgurata aħjar is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti.

16. JIRRIKONOXXI li l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel hija indispensabbli għall-parteċipazzjoni demokratika inklużiva u li n-nisa jibqgħu sottorappreżentati f'pożizzjonijiet ta' tmexxija politika u jkomplu jiffaċċaw ostakli għall-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u effettiva tagħhom fil-ħajja politika u dik pubblika; JIRRIKONOXXI li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija essenzjali biex jiġu żgurati proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġusti, effettivi u demokratiċi; u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità.

***Id-dimensjoni Ewropea tal-parteċipazzjoni inklużiva***

17. JIRRIKONOXXI li l-Istati Membri għandhom il-potenzjal li jibbenefikaw minn azzjoni aktar ikkoordinata fil-livell tal-UE biex jinkoraġġixxu l-involviment politiku mill-ġdid filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-kompetenzi, ir-responsabbiltajiet u l-prerogattivi tal-Istati Membri. JILQA' l-inizjattivi kooperattivi, bħall-Forum ta' Vjenna għad-Drittijiet Fundamentali u d-Demokrazija.

18. JINNOTA li minbarra l-arrikkiment tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, il-proċessi ta' demokrazija deliberattiva jistgħu jinvolvu mill-ġdid liċ-ċittadini meta dawn il-proċessi jkunu jikkumplementaw l-elezzjonijiet, imfassla u implimentati kif xieraq, u bbażati fuq metodoloġija trasparenti u fuq kampjun ġenwinament rappreżentattiv taċ-ċittadini. JIRRIKONOXXI li l-parteċipanti fl-assemblej taċ-ċittadini, fil-panels parteċipattivi, fl-ibbaġitjar parteċipattiv u fid-djalogi kulturali u komunitarji jirrappurtaw b'mod konsistenti għarfien politiku akbar, awtonomizzazzjoni perċepita msaħħa u aktar inklinazzjoni biex jinvolvu ruħhom fi proċessi demokratiċi. JINNOTA B'SODISFAZZJON li l-esperjenza f'diversi Stati Membri turi l-valur li tali eżerċizzji jitwettqu regolarment u fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-potenzjal tas-servizzi tad-demokrazija elettronika li jappoġġaw dawn l-għodod[11]. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jikkunsidraw inizjattivi simili.

19. JILQA' l-isforzi biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali f'inizjattivi Ewropej li jippromwovu l-parteċipazzjoni demokratika inklużiva u r-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità, inkluż l-assoċjazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika.

---

[11] Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa L-involviment maċ-ċittadini għad-demokrazija – Il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti 2021/C 91 I/01

*Qafas għal parteċipazzjoni demokratika inklużiva*

20. ITENNI li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika tikkontribwixxi għar-reżiljenza fit-tul tal-Ewropa, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi; JISĦAQ fuq l-importanza tagħha fit-tisħiħ attiv tal-ħsieb kritiku, u fit-trawwim tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-tipi kollha ta' tagħlim. JENFASIZZA wkoll fuq l-importanza tal-litteriżmu fl-immaġni, dak diġitali u dak fil-media u l-awtonomizzazzjoni ta' ċittadini ta' kull età speċjalment iż-żgħażagħ biex jifhmu l-funzjonament u l-impatt tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-algoritmi u l-IA.

21. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u spazju ċiviku trasparenti u l-inkoraġġiment ta' djalogu miftuħ, regolari u trasparenti maċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; JISĦAQ li l-atturi tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu jistgħu joperaw liberament, b'mod sikur u indipendenti, ħielsa minn interferenza bla bżonn.

22. JENFASIZZA li konsultazzjonijiet pubbliċi sinifikattivi, inklużivi u trasparenti u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika pubblika jistgħu jarrikkixxu t-teħid tad-deċiżjonijiet.

23. IFAKKAR li t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika inklużiva jirrikjedi approċċ ta' gvern sħiħ, li jinvolvi lill-awtoritajiet fil-livelli kollha, kif ukoll involviment inklużiv mis-soċjetà kollha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tas-soċjetà ċivili.

24. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex il-proċessi demokratiċi jinġiebu qrib iċ-ċittadini; u JILQA' l-kontribut tagħhom fil-livell istituzzjonali Ewropew, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tar-Reġjuni, f'konformità mat-Trattati u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; JIRRIKONOXXI li t-tkabbir u l-prosperità tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi jistgħu jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej fil-proċessi demokratiċi u b'hekk għar-reżiljenza demokratika. JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, ir-rwol fundamentali tal-politiki ta' koeżjoni u komuni fil-livell tal-Unjoni li jfittxu li jsaħħu r-rabta bejn il-komunitajiet u s-soċjetà.

25. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-aċċess għal media tal-aħbarijiet indipendenti u pluralistika, inkluż il-media reġjonali u lokali; IFAKKAR fil-valur ta' appoġġ finanzjarju trasparenti u pubblikament responsabbli fil-livelli kollha għar-rappurtar tal-aħbarijiet lil udjenzi li mhumiex moqdija biżżejjed u r-rappurtar tal-interess pubbliku, inkluż dwar kwistjonijiet lokali, b'rispett sħiħ tal-indipendenza editorjali; IFAKKAR fil-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza tas-sjieda tal-media u li jiġi protett il-ġurnaliżmu ta' interess pubbliku f'konformità mal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media; u JISĦAQ fuq l-importanza li jitrawwem l-aċċess għal informazzjoni affidabbli, b'mod partikolari fl-ambjent diġitali, għal kulħadd mal-Unjoni kollha, bħal permezz ta' kwalunkwe reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) u sorsi sostenibbli ta' finanzjament.

26. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu ambjent tal-media ħieles u pluralistiku, u b'hekk jissalvagwardaw l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u djalogu demokratiku, u jiżguraw finanzjament tal-UE biex jappoġġaw inizjattivi rilevanti tal-media, mingħajr preġudizzju għan-negozjati tal-QFP li għaddejjin bħalissa.

27. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi biex irawmu kundizzjonijiet sikuri, inklużivi u abilitanti għall-involviment demokratiku għal kulħadd, jindirizzaw l-ostakli u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa fil-ħajja politika u dik pubblika.

28. JINKORAĠĠIXXI l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri permezz tan-network tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini msaħħaħ mill-Kummissjoni fl-2026, li jista' jassisti lill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jiskambjaw u jiżviluppaw għodod, metodoloġiji u oqfsa ta' bini tal-kapaċità komuni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jrawmu ċ-ċittadinanza attiva u l-koeżjoni soċjali billi jappoġġaw inizjattivi volontarji tal-komunità, l-edukazzjoni ċivika, u programmi ta' litteriżmu fil-media, u billi jippromwovu l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali rilevanti, l-istituzzjonijiet edukattivi, kulturali u tal-wirt, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

29. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet volontarji addizzjonali biex jinvolvu liż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), filwaqt li jisfruttaw l-aħjar prattiki minn madwar l-Istati Membri.

30. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-użu sħiħ tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE biex tappoġġa, inkluż permezz ta' appoġġ tekniku, inizjattivi għal demokrazija parteċipattiva mfassla biex jiffaċilitaw l-inklużjoni taċ-ċittadini kollha, inkluż għal dawk li qed jiffaċċaw ostakli soċjoekonomiċi, f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom u fi ħdan ir-riżorsi finanzjarji disponibbli.

31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tintegra, mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar l-oqfsa finanzjarji futuri u l-eżitu tagħhom, mekkaniżmi ta' demokrazija parteċipattiva ma' programmi ta' litteriżmu diġitali, fil-media u fl-IA, filwaqt li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq l-użu u l-użu ħażin tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), u tippromwovi l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika, filwaqt li tenfasizza l-aħjar prattiki f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika u sħubijiet transsettorjali.

***Tisħiħ tal-appoġġ għall-involviment tas-soċjetà ċivili***

32. JIRRIKONOXXI li soċjetà ċivili indipendenti, diversa u reżiljenti, flimkien ma' inizjattivi mmexxija miċ-ċittadini, tikkontribwixxi għal kontrokontrolli demokratiċi u reżiljenza demokratika, pereżempju billi tikkontribwixxi għall-isforzi ta' responsabbiltà. JISĦAQ fuq il-benefiċċju tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ġenwina tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika.

33. JINNOTA l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u sostenibbli għas-soċjetà ċivili; u JĦEĠĠEĠ it-tkomplija tal-isforzi biex jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-flussi ta' finanzjament rilevanti tal-UE għall-organizzazzjonijiet eliġibbli. IQIS li huwa importanti li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-inizjattivi konsultattivi tasal għand l-organizzazzjonijiet li joperaw fil-livell lokali u reġjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

34. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mekkaniżmi ta' finanzjament li jippromwovu involviment u promozzjoni sostnuti, fil-programmi rilevanti eżistenti u mingħajr ma tanticipa n-negozjati li għaddejjin dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur. JENFASIZZA li tista' ssir enfasi akbar fuq miżuri ta' tisħiħ ta' kapaċitajiet, inkluż assistenza teknika, taħriġ u appoġġ konsultattiv, biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaċċessaw u jimmaniġġjaw l-opportunitajiet ta' finanzjament.

***Segwitu għall-adozzjoni tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija***

35. JILQA' t-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Tarka Ewropea għad-Demokrazija ta' network imsaħħaħ ta' awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar ir-reżiljenza demokratika, Ċentru tat-Teknoloġija Ċivika u djalogi dwar il-politika taż-żgħażagħ, bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ.

36. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu li l-elementi mqajma f'dawn il-konklużjonijiet huma riflessi fil-ħidma tal-ECDR, filwaqt li jikkumplementaw u mhux jidduplikaw il-ħidma tan-Network tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini; F'dan ir-rigward JINNOTA l-valur tal-iskambju volontarju ta' prattiki tajbin u għarfien espert mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

37. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jippreżentaw proposti għal proġetti lill-ECDR dwar il-parteċipazzjoni demokratika inklużiva u l-involviment taċ-ċittadini kollha, abbażi tal-esperjenza nazzjonali bi proċessi parteċipattivi strutturati, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali u l-istrutturi istituzzjonali.

38. JILQA' l-istabbiliment tal-Forum Ministerjali annwali ta' livell għoli dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija bħala pjattaforma siewja biex jiġu evalwati azzjonijiet rilevanti u tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, inkluż dwar l-involviment taċ-ċittadini.

39. JISĦAQ li t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija ser tirnexxi biss jekk tipproteġi l-valuri komuni tagħna u tappoġġa d-drittijiet fundamentali tagħna. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ id-demokrazija lil hinn minn dawk iċ-ċittadini li diġà huma involuti; u JISSOTTOLINJA li ċ-ċittadini li jaraw leħinhom rifless fit-teħid tad-deċiżjonijiet huma parteċipanti aktar attivi fid-difiża tal-valuri kondiviżi tagħna u fit-tisħiħ tad-demokrazija.

40. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis dawn il-konklużjonijiet fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija.

41. JIMPENJA RUĦU li jerġa' lura regolarment għall-kwistjoni tal-parteċipazzjoni demokratika inklużiva u r-reżiljenza tas-soċjetà u tal-komunità.